Is-Sbatax-il sena Lulju-Settembru, 1947 Għadd 196-198

# Leħen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITA')

Athenæum Melitense

MIN IĦOBB L-ILSIEN MALTI JĦOBB LIL MALTA
MIN IĦOBB LIL MALTA JĦOBB LILL-MALTIN.

X'FIH DAN IL-GĦADD


| | |
|---|---|
| Editorjal | Prof. G. AQUILINA, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.). |
| Tifel tas-Suq | G. CASSAR PULLICINO |
| *Fuq il-Kalvarju* | Patri V. V. BARBARA, O.P. |
| Kif sar l-Innu Malti | DUN KARM |
| *Il-Kurċifiss tal-Għolja* | R. BRIFFA, M.D., B.Sc. |
| *Il-Għanja tal-Għasafar* | DUN FRANS CAMILLERI |
| *Talba* | Sra. MEME' ZAMMIT |
| *Taħbit il-Qalb* | G. DELIA, S.J. |
| *Il-Qabar tar-Rebbiegħa* | A. BUTTIGIEG, B.A., LL.D. |
| *Bini Mwaqqa'* | W. GULIA, Ph.C., B.Sc. |
| *"The Pillar of the Cloud"* (Newman) | G. MICALLEF |
| Dawra mal-Bibljoteka | E. R. LEOPARDI |
| Nisel il-Kliem | Prof. G. AQUILINA |
| Reċensjonijiet | G. C. P. |

# LEĦEN IL-MALTI

LULJU-SETTEMBRU IS-SBATAX-IL SENA Għadd 196-198


# ARTI, ĦAJJA W MORALI


(*Editorjal tal*-Prof. G. AQUILINA, B.A., LL.D. Ph.D. (Lond.)


"Hemm bżonn li fuq il-palk jiġi iffotografat is-sabiħ tal-ħajja u mhux daka li jmur igħarraq il-ftit gost li—bħad-dell fid-deżert—ġie lilna mogħti sabiex jikkompensa mid-dwejjaq, il-miżerji u l-impefezzjonijiet li huma neċessarjament madwarna."

*DAL-KLIEM ħadnieh minn sentenza tal-Qorti ta' Malta li ngħatat fl-4 ta' Lulju, 1947, f'kawża ta' libell li ġġib l-ismijiet ta' Ġorġ Pisani, l-awtur tas-"Sengħa ta' l-Imħabba", u l-Editur ta' "Leħen is-Sewwa".*

*Il-mertu ta' din is-sentenza għal dak li għandu x'jaqsam mat-tilwima li mħabba fiha saret it-taħrika lilna ma jinteressaniex u għalhekk ma beħsibniex nitħaddtu fuqu. Imma lilna jolqotna bħala letterati l-kliem li l-istess Qorti qalet dwar il-ħsieb li għandu jmexxi l-kittieba tal-Palk fl-għażla tas-suġġett u fit-tifsira tiegħu. Jolqotna għaliex prinċipju jekk ikun tajjeb jorbot idejn il-kittieba kollha u, fil-każ li għandna quddiemna bħal issa, il-kittieba tal-Palk Malti, li l-lum għadu fil-bidu tal-qawmien tiegħu. Min-naħa l-oħra, jekk il-prinċipju jkun imgħawweġ, ifixkel ix-xejra tal-ħajja artistika f'Malta billi joħrogħa barra minn triqtha. Għalhekk dehrilna li m'għandniex inħallu għaddejja fehmiet imgħawġa dwar l-arti letterarja li, kif jingħad bl-Ingliż, ma għandhomx riġlejn fuqhiex jieqfu.*

*X'inhi l-Arti, fl-aħħar mill-aħħar? L-Arti hi kollox barra katekiżmu jew ktieb tal-Morali. L-Arti mfissra fil-Mużika, fl-Arkitettura, fil-Letteratura u friegħi oħra ta' l-Estetika, hi ħidma tar-ruħ li tpinġi l-kwadru tal-ħajja mill-ġmiel li jinsab imxerred fil-ħolqien, ġmiel li ħafna drabi jitfisser f'qawwa ta' ħsieb u sentiment li dan l-istess ħolqien iqanqal fir-ruħ ta' l-artist. Fi kliem ieħor, l-Arti hi ħidma tar-ruħ li tipprova tfisser is-Sabiħ u l-Qawwi, jiġifieri dawk il-kurrenti ta' impressjonijiet li jqanqlu fina ħwejjeġ li naraw jew li nisimgħu jew li nħossu, kif ukoll tqanqil*

*li jiġi mis-sensi l-oħra jew jissawwar fil-fantasija. B'"Sabiħ" fl-Arti ma nifhmux armonija ta' linjamenti li jagħmlu wiċċ ħelu jew sabiħ, imma armoniji ta' impressjonijiet li jqanqlu fina diversi sentimenti bħalma l-irjieħ iqanqlu ħafna mewġ ma' wiċċ il-baħar, mewġ li jibdel triqtu ma' kull bidla fl-infiħ tar-riħ.*

*Il-qawwii mela hu sabiħ; u għalhekk hu sabiħ dak kollu li, meta tarah jew tisimgħu jew b'xi mod ieħor tħossu, iħeġġek u jqanqlek. Id-deskrizzjoni ta' Quasimodo, il-ħotbi ta' Notre Dame, u Jean Valjean, il-ħabsi ta'* Les Misérables *bħala karattri jiġbdu mhux bil-ġmiel ta' persunthom imma bid-dehxa li ż-żewġ karattri jagħtuna bħala żewġ persunaġġi straordinarji għal raġunijiet diversi.* Faust *ta' Goethe u Bazarov fir-rumanz* Misserijiet u Wlied *ta' Turgenev iqanqluna mhux għax għandhom x'jaqlagħhom f'persunthom, imma mħabba l-qawwa tal-karatterizzazzjoni tagħhom simbolika.*

*Fl-Arti mela, Qawwa u Ġmiel jew Sbuħija huma ħafna drabi sinonimi. Dan is-sentiment ta' ammirazzjoni li jħallat flimkien l-impressjonijiet tal-ġmiel tal-persuna mas-sabiħ tal-qawwa narawh ukoll fl-ammirazzjoni għal dak li hu qawwi imma le sabiħ. Għalhekk is-Sabiħ bħala oġġett ta' l-Arti, kif ingħad fis-sentenza li slitna l-kliem hawn fuq minnha, għandu definizzjoni wisq usa' milli jidher li ried jagħtih l-Imħallef.*

*Aħna nistiednu lill-qarrejja tagħna jistudjaw sewwa l-istatwa magħrufa ta' Laocoon li tinsab fil-Mużew tal-Vatikan. Din l-istatwa, xogħol mill-akbar ta' l-espressjoni artistika li Gotthold Ephraim Lessing bena l-istudju klassiku tal-kritika tiegħu fuqha, ifisser il-ġrajja drammatika ta' Laocoon, qassis minn Trojja li, talli fetaħ għajnejn il-pajżani tiegħu kontra ż-Żiemel tal-Għuda li kien il-qerda ta' Trojja, ġibed fuqu l-għadab ta' sultan il-baħar Poseidon. Laocoon jidher fil-mument drammatiku, flimkien ma' wliedu, meta, milħuqin mill-qilla ta' dan Poseidon, żewġt isriep kbar ħarġu mill-baħar waqt li hu kien qed joffri s-sagrifiċċji u daru ma' qaddu u ma' wliedu sa għaffġuhom. X'inhu li jagħmel din l-istatwa kbira? Jewwilla l-ħlewwa, is-sbuħija tas-sentiment, jonkella d-drammatiċità tal-ġrajja kiefra tal-qassis Trojjan li, fil-liwi ta' ġismu u ta' wliedu joħroġ impressjonijiet ta' qilla u għadab u twerwir? Jonkella għal impressjoni tixxiebah, aqra l-kant XXXIII ta' l-*Infern *tad-*Divina Commedia *ta' Dante. Il-kwadru hu tal-biża': il-Konti Ugolino, fgat f'demmu bil-għadab, iqarram u jgiddem ir-ras ta' l-Arċisqof Ruggieri. Aqra fi ftit versi l-kwadru Dantesk:*

"La bocca sollevò dal fiero pasto
Quel peccator, forbendola ai capelli
Del capo ch'egli avea di retro guasto."

*U wara li għal ftit jerħi r-ras imsejkna ta' l-Arċisqof imqarram, biex igħid lil Dante l-ġrajja tal-qerq u l-għali tiegħu, malli jtemm il-ġrajja kerha jerġa' mill-ġdid igħaddas snienu fil-qurriegħa mtertqa:*

"Quand'ebbe detto ciò, con gli occhi torti
Riprese il teschio misero coi denti,
Che furo all'osso, come d'un can, forti".

*Jonkella aqraw id-deskrizzjoni li Milton għamel ta' Satan— Satan il-qawwi, għadu ta' Alla. Fl-Ewwel ktieb tal-*Genna Mitlufa, *fejn naraw l-anġli l-ħżiena mxewlħa mis-Sema għal ġo qiegħ l-Infern, Satan jitkellem hekk:*

" What though the field be lost?
All is not lost; the unconquerable will
And study of revenge, immortal hate,
And courage never to submit or yield :
And what is else not to be overcome?
That Glory never shall his wrath or might
Extort from me."

*Jew aqraw ukoll kliem Satan imgħaddab fl-istess Ktieb:*

"The mind is its own place, and in itself
Can make a Heaven of Hell, a Hell of Heaven".

*U iżjed tal-biża', kliem Ġobb imġarrab bla ħtija, kliem donnu dagħa kontra l-istess Ħniena t'Alla:*

"U wara dan, Ġobb fetaħ fommu u seħet jumu u qal : 'Narrah misħut il-jum li twelidt fih, u dik il-lejla meta qalu «Tnisslet tarbija»' " (III, v. 1-3). "Għax ma mittx f'ġuf ommi?" (III, v. 11).

*u kliem ieħor ta' din il-għamla.*

*Trid tkun nieqes mis-sentiment tal-ġmiel, minn dak is-sentiment li jqajjem il-kordi rieqda tal-mużika li tinsab mistura f'kull wieħed minna biex ma tħossx il-qawwa fil-versi ta' Dante u ta' Milton u trid tkun Nisrani wisq dgħajjef jekk tieħu skandlu għax Dante għamel lill-Konti jgiddem ras ta' Arċisqof jew għax Milton qiegħed f'ħalq Satan kliem li fih innifsu hu dagħwa mill-eħrex.*

*Dan li għedt iqajjem il-kustjoni tar-rabta li tgħaddi bejn l-Arti u l-Ħajja. Issa billi l-Ħajja sakemm iddum, hi ġrajja morali,*

*għax hi marbuta u mrażżna minn liġijiet soċjali u reliġjużi, tqum waħedha wkoll il-kustjoni tar-rabta bejn l-Arti u l-Moralità. Il-fehma tiegħi fuq dan il-punt jiena fissirtha għat-tul f'*lecture *li għamilt lill-istudenti ta' l-"University Students' Catholic Guild" stampata ma' oħrajn fi ktieb* "Domine, ut Videam" (Lux Press, 1946). *Hawnhekk għedt, u dak li għedt għadni nżommu: "L-Arti kbira ma tistax tinbena fuq l-immoralità sew kif il-libertà politika ma tistax tinbena fuq l-anarkija. Naf li fl-Arti jista' jkollok valuri mħallta, il-għaliex il-ġenju tal-bniedem jista' jiswa wkoll biex ixerred l-ereżija wiż-żina. Meta jiġri dan jibqa' sħiħ il-prinċipju li xejn ma jista' jtellef is-salvazzjoni tar-ruħ u lanqas il-ġenju fi triq ħażina ma jista' jiskuża l-ereżija jew iż-żina". Ma jidhirx waħdu li jien miniex minn dawk li jifirdu l-Arti mill-Ħajja u jqiegħduha fuq pedestall għaliha 'l fuq mill-liġijiet tal-bniedem u ta' Alla? Hekk ta' min jikkundannah ħafna lil D'Annunzio li jagħmel iż-żina mlibbsa bi kliem sabiħ oġġett ta' l-Arti tiegħu, u lil E. Renan li bħalu, bil-kitba tiegħu tajba (mhux li l-Insara Maltin jibdew jifhmu l-qawwa tal-kelma maħduma daqs il-kittieba eretiċi!) jlibbes sabiħ l-agħar ereżiji kontra l-Iben t'Alla. Imma f'dawn ix-xogħlijiet il-fehma hi ċara—immoralità minn naħa u ereżija minn oħra.*

*Madankollu meta l-kitba hi ta' natura diversa mnejn ma tistax toħroġ fehma ta' ereżija jew ta' żina, ħlief meta ġġebbidha biex toħroġha bil-fors, il-kritika trid tkun immexxija minn prinċipji sħaħ, trid issir bil-għaqal, fi ftit kliem trid tkun maħsuba u mdawla, biex ingħid hekk, min-nirien tal-Karità Nisranija. Waħda mill-akkużi li l-egħdewwa tagħna jagħmlu lill-Insara hi li r-Reliġjon hi għadu ta' l-Arti—għax, igħidu, tnixxef l-egħjun ta' l-ispirazzjoni, toħnoqna bit-twerwir ta' l-awtoritajiet reliġjużi. Sir Arthur Quiller-Couch f'*lecture *dwar* Tradition and Orthodoxy *li ta lill-istudenti tiegħu fl-Università ta' Cambridge, igħid li l-biċċa l-kbira tal-versi reliġjużi mhix ħlief taqbil* — bad verse; *u Carducci, kif tafu, li kien minn għalih, kien jagħmel liġi biex ma jħallix lill-qassisin jiktbu versi. Imma t-tnejn għarfu eċċezzjonijiet għat-teżi tagħhom. Sir Arthur Quiller-Couch stqarr il-kobor ta' l-ispirazzjoni reliġjuża fil-poeżija ta' Dante (jiena ma' dan kont inżid lil Milton, Klopstock u Thompson barra oħrajn) u Carducci faħħar il-poeżija ta' Giacomo Zanella. Dak li rrid nuri hu li aħna l-insara ma għandna ngħaġġlu jew nagħmlu xejn li bih nistgħu nagħtu raġun lill-egħdewwa tal-Knisja, ma ngħidu u*

*naghmlu xejn li mhux maħsub bizzejjed minn qabel li mħabba fih fil-ħajja l-Arti tiegħu kienet imfixkla minn attakki ħorox.*

*L-ebda ċanfira ma hemm fi kliemi għax l-ebda bniedem ma hu f'sikktu fil-ħinijiet kollha. Hemm ħinijiet meta wieħed iħossu jfur u dak li jgħid iħażżu bil-għaġġla. Imma mhux kulma jinkiteb jintesa malajr; l-aktar il-kritika kontra kittieb li jkun laħaq standard fil-letteratura tal-pajjiż. Is-sengħa tal-kitba għomorha twil!*

*Fil-*lecture *tiegħi li semmejt jien kont ilqajt għall-oġġezzjoni li tista' ssirilna mill-egħdewwa ta' l-Insara—minn dawk, jiġifieri, li jgħidu li r-Reliġjon tnixxef l-egħjun ta' l-Arti vera. Biex poeżija tkun tajba jeħtieġ tkun reliġjuża bid-dieher? Ma nistax intawwal biex intenni dak li għidt fuq dan. Imma fil-qosor ingħid li kull espressjoni ta' ġmiel tagħti ġieh lill-Ħallieq bħalma l-kwiekeb jagħtuh ġieh, daqs kieku kienu pulptu tal-knejjes. Il-kustjoni l-kbira hi meta xogħol letterarju tista' tgħid li hu immorali jew eretiku. Biex twieġeb għal din il-mistoqsija trid qabel xejn tifhem li l-Arti bħala espressjoni tal-personalità tal-bniedem tirrifletti l-personalità fil-bulkjiet tagħna kollha — sbieħ jew koroh, normali jew anormali; u jekk tifhem dan ma għandekx għax titkaża jew tistgħġeb meta l-artist fil-ħin ta' l-ispirazzjoni jfisser xi tqanqil il-qalb li ma jkunx sewwa f'kollox meta tkejlu bir-riegla rqiqa tal-morali. Dak li għandek tħares hu lejn il-fehma—il-filosofija ta' l-awtur meħuda kollha f'daqqa. Jekk ma tagħmelx hekk tispiċċa biex tqatta' l-ktieb ta' Ġobb f'żewġ taqsimiet—fit-taqsima eretika għan-nar fejn hu jeħodha ma' Alla talli ġarrbu bla ħtija, u t-taqsima reliġjuża fejn hu għaraf imħabbet Jahwe. Ma' l-artisti, bħal man-nies sensitivi, trid tkun daqsxejn qalbek ġeneruża, is-simpatiji tiegħek iridu jkunu daqsxejn liberali sakemm tista' tkun hekk imħabba kunsiderazzjonijiet ta' moralità. Dak li ma għandekx tagħmel hu li tgħaġġel tara l-ħażin għax moħħok, imħabba nuqqas ta' koltura jew raġuni oħra, ma wasslekx biex tifhem sewwa t-teżi li qed tikkundanna. Jekk ma tħallix dalwisa' ftit għandha nifs l-Arti f'Malta, u bħall-Mawmettani, noqtluha bil-fanatiżmu tagħna. Fuq hekk jien ktibt hekk:* "Moral and theological orthodoxy imposes its inescapable limits; still there are harmless liberties that a Catholic artist may take with his subject. There is a certain latitude allowed for the working of the human imagination that, unlike science or philosophy, cannot survive on arid definitions alone or on logistic formulas. I take for

an instance Dante's Inferno. He is indeed a pedant who would condemn Dante's Inferno because it may not agree in every detail with the definition of Hell given by St. Thomas Aquinas or because the great poet put in Hell far too many people whom he did not like. A pedant might also quarrel with Dante because the latter does not hide his sympathy for Paolo and Francesca da Rimini, the victims of an ill-timed and misplaced passion. In this way there are many Catholic works that could be pulled to pieces and relegated to oblivion. But a student with an all round culture and knowledge of Catholic literature must make allowances for some moods so long as these are subordinated to an orthodox philosophy.''

*Dan il-principju jidhirli li jsaħħaħ il-pożizzjoni Kattolika quddiem l-Arti. Imma jekk minn għand il-kittieb sejrin nitolbu dejjem storja b'daqsxejn ta' tagħlima fit-tarf, bħall-ħrejjef ta' Eżopu, nistgħu ngħidu li sejrin inħaffru qabar lill-Arti letterarja f'Malta u ieħor lil ġieh isimna. Minn ta' Ġorġ Pisani jiena rajt żewġ drammi jinħadmu*: Is-Sengħa ta' l-Imħabba, *maħduma mill-istudenti, u* Il-Kewkba, *maħduma mill-''Malta Union of Teachers''. Fit-tnejn hemm tagħlima. Fl-ewwel waħda t-tagħlima toħroġ waħidha* mill-konsegwenzi li jidhru ċar kemm huma perikulużi għas-soċjetà; *fit-tieni l-lezzjoni hija mogħtija bl-imgħarfa. Id-diżgrazzja hi li meta t-tagħlima toħroġ bl-imgħarfa l-Arti, li tirtifed mill-element ta' fantasija, titlef ħafna mis-saħħa tagħha. Meta saret* Is-Sengħa ta' l-Imħabba *fir*-Radio City, *waħda min-nisa twajba tagħna nstemgħet tgħid lil żewġha ''Qed tara kemm jagħmel ħażin min idaħħal in-nies f'daru!... x'iġġib il-libertà tal-lum!''. Ah! ja mara twajba ta' skola żgħira, inti did-darba wrejt ruħek wisq iżjed għarfa mill-għorrief li raw il-ħażen fejn ma hemmx ħlief tagħlima—indiretta kemm trid imma ċara! F'Ġovann dil-mara twajba rat ir-raġel li jdaħħal il-lifgħa f'kommtu, għax għalkemm fis-sentenza ntqal li l-Arti ma għandhiex tiffotografa ħlief is-Sabiħ, jibqa' minnu li s-Soċjetà Maltija hi mħassra minn fuq s'isfel, li hemm ħafna rġiel kuntenti bilbluhat ta' marthom għax għamjin. Lil dawn in-nies jeħtieġ nibqgħu nuruhom* Is-Sengħa ta' l-Imħabba *sa ma jidħlu f'qoxorthom.*

*Imma nerġgħu lura u naraw x'saħħa għandu kliem is-sentenza fuq ix-xejra ta' l-Arti li mhix frott ta' Malta waħidha imma tad-dinja. ''Fuq il-palk għandu jiġi iffotografat is-sabiħ tal-*

*ħajja". Xinhu sabiħ fl-Arti—u l-Palk hu fergħa ta' l-Arti letterarja—għednieh; issa rridu ngħidu li dan l-għidut fis-Seklu XX, meta wieħed seta' qara bosta xogħlijiet ta' l-Arti juri nuqqas ta' kriterji letterarji. Qal Shakespeare f'*Hamlet: "the purpose of playing, whose end, both at the first and now, was and is, to hold as 'twere, the mirror up to nature; to show virtue her own feature, scorn her own image, and the very age and body of the time his form and pressure". *Mela l-Arti tqiegħed il-mera quddiem wiċċ il-ħajja u għalhekk jiġi li l-oġġett ta' l-Arti hija l-ħajja nfisha. Li tfisser biċċa mill-Arti u twarrab il-biċċa li ma togħġbokx ifisser li trid iċċekkinha, iddgħajjef il-missjoni ta' l-Arti letterarja; u mhux biss iċċekkinha imma tagħmilha gidba, tbegħidha mill-ħajja. Bħal dak li qallu nagħmlu bħall-Gran Mastru Hompesch li meta qalulu li Napuljun kien bi ħsiebu jaħbat għal Malta mingħalih li kien ser ineħħi l-problema tal-periklu ġdid billi jagħmel ta' birruħu li ma jafx li Napuljun kien tassew ser jaħbat għal Malta! Jonkella nagħmlu bħal dawk l-uħud li jridu jħollu problemi tal-ħajja koroh ħafna billi jgħidu lilhom infushom li dawn il-problemi ma jeżistux ħlief fl-immaġinazzjoni ta' min isemmihom! Mhux li kien hekk, imma l-ħajja hi li hi—u l-Arti tfisser il-ħajja kif inhi. Dak li messu ntqal fis-sentenza mhux li l-Arti għandha turi s-sabiħ tal-ħajja, bħal* films *bit-*technicolour, *imma li għandha tagħti tifsira Nisranija ta' dak kollu li jiġri fil-ħajja, kien ikreh, kien sabiħ. Imma li l-Arti tfisser is-sabiħ tal-ħajja, sakemm hawn faqar, sptarijiet, ħmieġ, infedeltajiet — dak lè! Nieħdu eżempju. Nagħmlu li rrid nikteb "dramm" fuq il-qagħda soċjali tal-familja barra ta' Malta. Waħda minn dawn hi ġara tiegħi. Naraha liebsa mċerċra għax fqira; imma jien inlibbisha l-ħarir biex ma nurix l-ikreh; uliedha jidgħu b'Min ħalaqhom għax neqsin mill-edukazzjoni, imma lè, jiena nurihom qishom anġli bħal dawk li hemm mal-vara ta' San Pawl; żewġha l-isptar għax imħabba x-xogħol iebes waqa' b'sidru; jiena lè—jiena nuri lil żewġha qisu barri f'saħħtu, fix-xaba', ma jonqsu xejn. U hekk inkun qed nuri s-sabiħ tal-ħajja, mhux kif inhi l-lum imma kif setgħet kienet kieku Eva ma fettlilhiex tiekol dik l-imbierka ta' tuffieħa.*

*Lè, l-Arti hija mera tal-ħajja u l-ħajja hi mħawwda mħabba d-dnub oriġinali li hu verità storika daqs kemm huma veritajiet storiċi fil-ġrajja tal-bnedmin il-knejjes u l-kunventi minn naħa bl-isptarijiet u d-djar tad-dnub min-naħa l-oħra. U hekk jirrap-*

*preżentaha l-ħajja fir-rumanzi tiegħu l-kittieb Kattoliku François Mauriac, bl-ikrah tagħha, l-ikrah soċjali, l-ikrah tad-dnub, imma t-teżi li torbot il-fehma hija ġustifikazzjoni tal-Morali Kattolika. Ma jiniex nagħmel id-difiża tal-veriżmu letterarju ta' Emile Zola għax il-veriżmu ta' dan hu mibni fuq ġrajja li minnatura tagħhom għandhom jinsatru għax iweġġgħu l-ġieh. Qed nagħmel biss id-difiża tal-veriżmu fit-triq tan-nofs. Bejn il-veriżmu ta' Zola u dak ta' Mauriac insibu dak ix-xebh li jgħaddi bejn il-veriżmu tal-għera skandaluż u l-veriżmu ta' għera li ma jwaġġgħax is-satra tal-ġisem u tal-moħħ. It-triq tan-nofs, mela, tiġġustifika fil-fehma tagħna daqsxejn ta' libertà fir-rappreżentazzjoni tal-ħajja, libertà li turi paġni mill-ħajja kif tingħax, mingħajr ma tneħħi l-istar minn fuq il-qżeżijiet tan-natura mwaqqgħa. Tabilħaqq, id-differenza li tgħaddi bejn veriżmu u ieħor tista' xxebbahha lid-differenza bejn xebba bla ġieh, li għax l-anqas ħsieb li l-għera hu ħażen ma tinsatarx quddiem in-nies, u min-naħa l-oħra lil xebba li għax taħseb wisq fil-ħażen, biex ma twaqqgħax fid-dnub, tistor kull pulzier minn għonqha u riġlejha biex ma ngħidux ukoll tilbes l-ingwanti ħalli tgħatti jdejha! Żewġ eżaġerazzjonijiet u kif igħid il-Malti "iż-żejjed imbidded".*

*Dawk li skandalizzaw irwieħhom mit-titlu* "Is-Sengħa ta' l-Imħabba" *qegħdin igħixu fil-qamar jekk ma jafux li għal ħafna żgħażagħ, misserijiethom u ommijiethom, l-imħabba mhix ħlief sengħa, mhux għax għandu jkun hekk, imma għax hekk jaqbillu min fiż-żwieġ ifittex il-ġid jew il-passjoni.* Les marriages de conveniance *hu wieħed mill-eqdem soġġetti fil-letteratura pagana u Nisranija li fuqu nbnew kummiedji u traġedji. U Malta mhix xi ħaġa aħjar minn artijiet oħra.*

*Hawn Malta neqsin ħafna mill-interpretazzjoni u intwizzjoni psikoloġika, nuqqas li, kif naħsibha jien, ġej minn nuqqas ta' kultura wiesgħa u ta' osservazzjoni rqiqa tal-ħajja kif tingħax bl-ikreh u s-sabiħ tagħha kollu. Ir-reqqa tad-deskrizzjoni tal-psikoloġija tal-karattri tal-bniedem, bħall-kuluri ta' kwadru ta' pittur, fiha ħafna naqxiet. Minn dawn in-naqxiet joħroġ it-tqanqil psikoloġiku li għall-bniedem normali jidher qisu għamil tal-ġenn. Fis-*Sengħa t' l-Imħabba *wieħed mill-aqwa mumenti psikoloġiċi, kif narah jien, hu meta Ġovann, wara li ntebaħ li martu bidlitu, miksur u magħdur għal darba, flok sawwatha jew qatilha, qallha: "Fittex itlaq, itlaq mill-iżjed fis minn quddiemi. Terġax tikser il-wegħda tiegħek li għamilt lil bniedem ieħor, bħal ma ksirt il-*

*weghda li ghamilt lili quddiem Alla''. Kliem mimli bl-ironija ta' mhabba milghuba! U iżjed 'il quddiem, minbarra l-infedeltà ta' martu, jaghraf ukoll il-htija tieghu talli, bhala raġel, flok qaghad dejjem mehdi fil-kotba, messu ha hsieb martu sew biex ma jhallihiex tiżloq kif ukoll biex jaghtiha d-drittijiet taghha taż-żwieġ. Dal-kliem ma jfissirx approvazzjoni ta' l-adulterju ta' martu, l-akbar ghali tieghu, imma jurina li, daqs kemm kien ihobb lil martu, ma kellux hila joboghdha. U meta wara li telqet, hu nfexx jibki, il-qarrej jara xhieda tar-ruh maghkusa tal-bniedem imċahhad mill-imhabba tal-mara mahbuba. Ghamil bhal dan jidher miġnun, imma fil-mumenti drammatiċi tal-qilla jew ta' l-imhabba inkella ta' uġigh, il-bniedem hu qajla normali. Fittex mumenti bhal dawn f'hajtek u wieġeb int ghal ghamilek. Hekk fhimtha jien ir-ruh ta' Ġovann u ma stajtx nifhem il-ghaliex xi nies ta' ruh ċkejkna hadu skandlu u xewwxu l-istampa. Kif tista' tfisser xort'ohra l-karattru ta' Amletu u ta' l-ahwa Karamazov fir-rumanz ta' Dostoevsky, ta' Heathcliffe f'*Wuthering Heights *ta' Emily Brontè, il-hafna statwi fil-Mużew tal-Vatikan, xi kwadri fil-knejjes taghna u ta' barra, biex ma nsemmux hafna karattri ta' l-Opri li, jekk togghod traqqaq iżżejjed u twarrab is-simpatija artistika, tispiċċa biex, bhal Gerolamo Savonarola, tiġborhom kollha f'daqqa u taghtihom in-nar f'nofs ta' pjazza. L-Arti taghżel il-mumenti drammatiċi u dal-mumenti drammatiċi huma bosta drabi anormali. Ġovann f'dan is-sens hu karattru artistiku anormali imma lè immorali.*

*U biex naghlaq, nerġa' ndur ghal dak il-kliem fis-sentenza fejn jinghad li fuq il-palk ghandu jiġi iffotografat is-sabih tal-hajja u ntenni li bhala fehma letterarja—u fil-ghalqa tal-kritika letterarja ghandna awtoritajiet fuq min naqghu bhal De Sanctis, G. B. Croce, u ohrajn f'letteraturi ohra—ma jisthoqqilha l-ebda attenzjoni. Kienet tkun aktar f'waqtha l-fehma ta' l-Imhallef li kieku flok hekk qalilna li l-Arti, li l-Palk hu wiehed mill-frieghi taghha, tinbena fuq il-hajja, hi kif inhi, bl-ikreh u bis-sabih taghha, imma li t-taghlima ghandha tkun skond it-taghlim tal-Knisja; li hi s-Saltna t'Alla imma wkoll dar il-bnedmin uliedu, mimlijin b'imperfezzjonijiet u mkabbrin bihom infushom, daqqa normali u daqqa anormali kif jaghmilhom id-dnub oriġinali.*

---

# Tifel tas-Suq

*"Sketch" ta'* Ġ. CASSAR PULLICINO

DAN Dovik li sa ngħidilkom fuqu sata' ġie bin is-sinjuri f'dar il-għonja, imma xortih wellditu ġo kerrejja u bin il-faqar. Ommu kienet tidħol għal xi ħasla ħwejjeġ għand in-nies; daqqa ddabbar xi ħaġa talli tnaddaf il-berġa tat-Tabib tal-Gvern, oħra tindaħal biex issamsar meta jinżlu xi morini u jridu jsibu fejn joqogħdu l-art, u hekk kienet tpixka u tlaqqat sold mhux ħażin. Missieru kien idur b'xi żarbun jew qalziet tas-suldati għall-bejgħ, u kien ukoll ibiegħ il-*gaxin*. Kont taraħ jinżel il-kwartier, jiġbor il-fdal tal-mejda u mbagħad imurlek ħdejn il-Fosos ta' Sant Iermu jew fuq il-Barrakka t'Isfel u jgħajjat: "Min inbiegħlu b'*sei*?" Dan kollu jiftakru sewwa Dovik. Kif igħaddi ż-żmien? Donnu l-bieraħ! Kien jieħdu miegħu missieru biex iżommlu waħda mill-landi mimlija b'*ta' l-Ingliż*. U mhux hekk biss. Fis-sajf missieru kien jarma qoffa fuq dahru u joħroġ ibiegħ ir-rizzi. U Dovik kien iżommlu l-landa għall-qxur im-kisser, u jimxi quddiem igħajjat "Rizzi mimli!"

Taħsbux li dan Dovik rifes is-Suq il-bieraħ! Min jiftakru ħaj igħid li Dovik kien l-ixjeħ wieħed bil-posta. U ma' tul ħajtu s-Suq inbidel sħiħ. Jiftakar il-posti għadhom mingħajr ħadid bejniethom, meta kienu mifrudin waħda mill-oħra bl-ixkejjer biss; jiftakar l-erba' egħjun fil-kantunieri li kienu jtellgħu l-ilma mill-ġibjun ta' taħt għall-ħasil u għax-xorb. Tgħiduli: "Mela kemm kellu żmien dan Dovik?" Sew sew anqas jien ma naf ngħidilkom, għax jien li smajt fuqu m'għand ħaddieħor. Imma kien twieled wisq qabel ma daħħlu d-dawl elettriku fis-Suq, għax dejjem kien igħid li għal żmien twil jiftakru mixgħul bil-gass.

Mat-tmien snin Dovik sab ruħu lavrant ma' wieħed bil-posta tal-laħam. Għall-ewwel bata sa dara, imma mbagħad, ftit ftit, qagħad għall-ħajja tas-Suq. Kien jisbaħlek minn kmieni jqatta' l-ikkapuljat, jaħsel l-imsaren, jaqlibhom, u jimlihom zalzett minn ġol-lenbut u mbagħad ilabbar kull milwa biex jiskula ħasil il-laħam minnha u tinxef iktar malajr. Daqqiet l-imgħallem kien jibagħtu taħt is-Suq, fil-kantina, fejn kien ikun hemm il-laħam immellaħ fis-salmura ġewwa l-btieti u kien jgħabbihom il-ġebla biex il-laħam jippressa ruħu sew. Ħabtiet tiġihom ordni biex iservu l-laħam abbordijiet jew f'xi sptar, u

oħra kienu jibagħtu għal nofs robbu mill-ħwienet tal-baħrin tat-Triq id-Dejqa, u kienu jfittxu jservuhom mill-aħjar.

Il-posta kienet imqabbda tajjeb u dejjem mimlija bil-laħam. Biċċa kienu jġibuh mill-Biċċerija (dak iż-żmien kienet il-Belt) u oħra kienu jixtruħ m'għand il-bejjiegħa t'Għawdex. Kont tara 'l tas-Suq joħorġu fil-bieb tal-ġenb u lill-Għawdxin igħidulhom kemm sa jwasslu fil-prezz ġo widinthom biex ħadd ma jkun jaf kemm għolla wieħed fuq l-ieħor. U mbagħad il-ftehim isir, l-Għawdxi jgħidlu "Għalik mela, ħabib", u l-ieħor idaħħal il-laħam ġol-posta. Kien ikun laħam ta' kull xorta, daqqa xi għoġol imsemmen jew baqra niexfa mill-ħalib, oħra majjali u oħra mtaten jew ħrief. Maż-żmien Dovik beda jifhem fil-bhejjem: sar jagħżel mad-daqqa t'għajn bejn laħam il-fart u laħam il-kelb, u l-muntun mill-mogħża, u kien igħidlek 'k dik innagħġa hix tajba biex taħdimha fil-posta skond jekk tkunx terfa' xaħam wisq jew tkunx imġelġla.

U hekk iż-żmien għaddej, Dovik kiber u baqa' jikber fil-lant tal-laħam. U madankollu kien qed isir xogħol ieħor madwaru. Għalkemm kulħadd kien ikun meħdi b'xogħlu, Dovik kien ikun jaf li dawk in-nies bil-ħorġ mixħut fuq spallithom kienu l-ġenniena tat-tjur li jistennew 'il tal-posti joħorġu barra s-Suq filgħodu kmieni biex jikkurdaw fuq it-tiġieġ u l-fniek li kienu ġabra mill-irħula. Kien jitgħaxxaq jara l-kaċċa mdendla fil-posta ta' quddiem, daqqa fniek salvaġġi maqbudin bin-nemes jew maqtulin bl-ixkubetta fuq ir-reddiesa, oħra xi erba' borok jonkella, meta jpassi, il-gamiem u s-summien. Kien jara wkoll il-bejgħa tal-ħaxix dieħla mill-bieb tal-ġenb: tkun għadha ġejja m'għand il-pitkal fil-qfief imgħallmin biż-żebgħa biex jingħarfu, u kien jaf li dawk tal-posta tal-ħaxix jixtru m'għand il-pitkali bil-patakki u bl-irbgħajja u jbiegħu lill-poplu bil-flus tal-lum — bis-soldi u bix-xelini. Tal-ħut l-istess. Kienu jgħaddu l-lavranti u l-psatas tas-Suq bil-kvievet mimlijin ħut fuq rashom, ġejjin minn għand il-kumpratur tax-Xatt — u l-kvievet, imweżnin fuq il-qawwara, bl-ilma baħar iqattar minnhom, iħallu ċ-ċfales minn kull fejn igħaddu......

Issa Dovik beda jiqliel u jitqarqac. Kien twal u mtela' u sar mogħla hawn. Kellu xagħru wieqaf u mimxut 'il fuq u m'għonqu kellu kuruna u dirgħajh mimlijin tpinġija li kien għamillu wieħed suldat tal-Milizja bil-labar. Bħal sħabu l-oħra tas-Suq, kien jinbex lix-xemx għaddejja. 'K tgħaddi mara ħox-

na minn quddiem il-posta u ma tiqafx tixtri għandu malajr jitfagħlha botta u jgħajjat: "Maltemp għandna, sinjuri!". 'K jara wieħed liebes l-abjad jara kif jagħmel itajjar id-demm jew l-ilma fuqu u mbagħad igħid "Ara jċappas!" Idejh kienu jikluh għall-ġlied: mal-baħrin min jaf kemm taw huwa u sħabu! U bejniethom ġie li taw ukoll imma, ħaġa tal-għaġeb, qatt ma ġera d-demm għax l-ewwel ħaġa li kienu jagħmlu qabel iħebbu għal xulxin kienu jwaddbu minn fuqhom l-imwies u l-iskieken biex jiġġieldu bil-fier, bil-ponn biss. Imma lit-tfajliet kien iżommhom bid-diskors u kien jagħżlilhom laħam xkett u jgħidilhom "Qubbajd tajtek!" U meta, xi darba wara nofs innhar, kien jiġi wieħed jaf isaffar bħall-agħsafar kollha u jagħmel il-ħsejjes tal-bhejjem, Dovik u sħabu kienu jżommuh isaffar issa bħal verdun jew bħal kanal, issa jagħmel bħal barri jew qażquż jonkella jagħmel il-ħsejjes tal-karozzi tan-nar li kienu għadhom kemm daħlu. Kienu jinġemgħu miegħu u jagħtuh fastidju. Daqqa jissuttawh b'xi biċċa laħam imrejħa, oħra b'xi ħaxixa midbiela. Imma qabel jitlaq kienu jnewwlulu xi biċċa zalzett jew ħobża jonkella xi sieq tal-majjal għat-tisjir. U dak l-imbierek kien jeħodhom u jerġa' jmur wara żmien, għax is-Suq hemm il-barka t'Alla u fih il-ħajja!

F'daqqa waħda Dovik xeba' Malta u tah li jsiefer. Tah li jsiefer u meta ġietu x-xoqqa f'moxtha ra kif imbarka fuq bastiment u mar Bengħażi ma' wieħed bin-negozju tal-bhejjem. Hemmhekk anqas ma saddad u telaq għal Spanja fejn għadda żmien twil jiġri minn post għall-ieħor u anki għamel sħab ma' wieħed fin-negozju tal-ħut. Kienu joħorġu bl-iskejjen, kellhom it-tunnara u kienu jsiefru t-tonn li jaqbdu, biċċa minnu għal Malta. U kemm dam hemm dara jitkellem bl-Ispanjol, sar jilbes il-kappell *sombrero* u fuq il-qalziet kien idawwar ma' qaddu terħa bħal tagħhom. Għax Dovik kien indieħes sewwa: fil-ħwienet jismagħhom idoqqu l-kitarra u jċaqċqu l-kastanjoli u jħabbtu t-tanbur, jarahom jiżfnu l-*bolero* u l-*fandango* — u kultant imur jara l-festa tat-toru. Kienet tidħol il-komitiva, biċċa rekbin fuq iż-żwiemel, lebsin ġobba bil-mantell iswed fuqha, oħrajn rekbin bhejjem magħluba u lebsin ġobba rrakkmata b'kappell f'rashom wiesa' wiesa'. Kien jarahom u jistagħġeb bil-qlubija u bil-ħeffa kif kienu jduru mat-toru, l-ewwel isaħħnuh bil-biċċa l-ħamra sakemm fl-aħħar joqtluh b'daqqa waħda bis-sejf twil li jkollhom. Għalkemm Dovik kien baqa' għażeb, taħsbux li ma ġeriex mal-*muchachas*. Kienu

jixtequh lil Dovik, u ġrew warajh bil-bosta; imma dan baqa' bħal ma ngħidu aħna bil-Malti "għarus is-sena kollha u ż-żwieġ ma jasal qatt". U hekk saflaħħar għaddew is-snin u Dovik reġa' ħass li jrid jiġi Malta. Ġabar kull ma kien faddal u ħalla warajh għal dejjem 'il dik l-art tat-toru u tas-senoritas.

Issa Dovik reġa' Malta u ħa posta s-Suq għal rasu. Ferħu bih sħabu tas-Suq u laqgħuh tajjeb. U dak in-nhar li reġa' rifes it-tirġien tas-Suq bdew iħabbtu bis-skieken u bl-irtal fuq l-imwieżen u fuq il-bankijiet, u 'ċemplu l-qanpiena tal-bieb. U dawk li kienu ta' mparu stednuh jiekol magħhom għand dik li ssajjar wara s-Suq u lestitilhom imqarrun u fenek u torta, u xorbu l-inbid ta' Spanja u daqqew fuq il-kitarri, ċaqċqu l-kastanjoli u ġiebu 'l Rużar l-Għama jqabblilhom......

Dan kien Dovik tas-Suq. Il-lum it-tifkira biss għad fadal tiegħu. Imma meta miet sħabu qassmu s-santi bir-ritratt tiegħu u f'kull posta għandek issib waħda. Jekk tistaqsi fuqu jgħidulek "Ilu li miet, miskin, Dovik! Kemm ġera fi żmienu! U kemm kien jaf x'igħid fuq Spanja! Ma kellniex tifel aħjar minnu s-Suq!"

Hekk hu! Dovik ħalliena, bħal ma kull wieħed minna jrid iwelli f'din id-dinja. U bħal nies oħra li jitwieldu u jgħixu f'ambjent żgħir, ħalla warajh l-isem tiegħu li għamel biss ħoss żgħir bejn il-ħitan tas-Suq.

---

## FUQ IL-KALVARJU

*Ta'* Patri V. V. Barbara, O.P.

*Niżel Bin Alla mis-smewwiet u wriena*  
*It-triq tas-sewwa, xettel ġewwa fina*  
*Is-siġra tal-qdusija, u lkoll imlïena*  
*B'xita ta' Dawl minn Għajn safja u ħanina.*

*Għadda jagħmel il-ġid, qatt ma ħalliena*  
*Fil-hemm u n-niket tagħna, u biex jagħtina*  
*Is-saltna tal-Missier, f'milja ta' ħniena,*  
*Fuq l-għolja mqaddsa b'Demmu ried jifdina.*

*Mogħti għall-mewt, meħlus mill-ħaqq Barabba,*  
*Fetaħ dirgħajh fuq l-għuda biex jilqagħna*  
*Fil-kenn ta' Qalbu, u miet, debħa ta' mħabba.*

*Għax biss l-imħabba kienet li niżżlitu*  
*Minn ħdan Missieru fl-art midinba tagħna,*  
*U d-dinja msejkna m'għarfitux... qatlitu!*

# Kif sar l-Innu Malti

*Tagħrif minn* DUN KARM

KIENET, jekk niftakar sewwa, is-sena 1927, għodwa waħda ġie fuqi d-Direttur ta' l-Iskejjel Elementari tal-Gvern, Dr. A.V. Laferla LL.D., ħareġ mill-but karta bi ftit noti tal-mużika, qegħdili quddiemi: "Mons, hawn dil-biċċa mużika tal-Prof. R. Sammut (M.D.), tahieli hu ftit tal-ġranet ilu u talabni biex kieku ma' dan il-motiv li deherlu ħelu ħafna nara kif insib lil min isieħeb xi kliem bil-Malti li jkun jista' jitkanta mit-tfal ta' l-Iskejjel tal-Gvern." "Jiena", issokta jgħid, "ħadt il-karta minn idu u għedtlu li naqdiħ mill-aħjar li nista'". "Fl-istess ħin", kompla jgħidli, "ħsiebi ġera fuqek, u għidt: 'Din il-biċċa ħadd ma jista' jaqdini aktar minn Dun Karm'; u issa, arani hawn biex infissirlek ix-xewqa tiegħi."

Lil Dr. Laferla jiena ma xtaqtx ingħidlu "le", u weġibtu: "Nara daqsxejn ix-xejra tal-mużika, u kif jidhirli l-aħjar li nagħmel".

Kif dħalt fl-appartament tiegħi fi Triq l-Ifran, il-Belt, mort fuq il-pjanu, daqqejt mill-aħjar li stajt dak il-mottiv, li għad ma kellux akkumpanjament, fittixt inlaqqa' mar-ritmu tal-mużika r-ritmu tal-vers Malti. Rajt li ebda vers ma kien qed jaqbel, jew għall-anqas jersaq ma' dak il-mottiv, ħlief il-vers tal-ħdax ('endekasillabu') u billi l-motiv kien qasir, ma kenux jidħlu, fil-medda tiegħu kollha, ħlief tlieta minn dawn il-versi. U jiena għidt: Bi tliet versi x'nista' nagħmel?! Imma ħsibt ftit u għaddiet bħal berqa minn moħħi l-lemħa ta' l-Innu Nazzjonali, fissura ta' talba 'l Alla għal Malta.

Għarrixt fiż-żmien li fih konna ninsabu u billi dik il-ħabta kien hawn ftit ta' antagoniżmu pulitku jiena fittixt li nressaq u ngħaqqad lil kulħadd f'rabta ta' mħabba reliġjuża u patrijottika. Tennejt il-motiv u ħarġu dawk is-sitt versi li l-lum bosta mill-Maltin fil-Gżejjer tagħna u barra jafu bl-amment.

Dr. Laferla tgħaxxaq bil-ħsieb ta' l-Innu Malti, u bil-versi li jiena sawwartlu u t-tagħlim tal-versi fuq il-mużika lit-tfal ta' l-Iskejjel tal-Belt hu beda b'ħeġġa kbira, u fil-festa tat-8 ta' Settembru, 1928, instema' l-ewwel darba wara t-taħdita fuq l-Assedju l-Kbir u r-rebħa tal-Maltin li ssir f'dik il-ġurnata.

Għal xi snin dak l-Innu baqa' jinstema' biss mit-tfal ta' l-Iskejjel fil-festa tar-rebħa. Imma darba fettilli nidħol fil-

Każin King's Own, tal-Belt, sibt lis-Sur Vincent Ciappara, is-Surmast tal-Banda "King's Own" u għedtlu: "Surmast, inti taf li hemm dak id-daqsxejn ta' Innu Malti li jkantaw it-tfal ta' l-Iskejjel fit-8 ta' Settembru, erba' noti ħelwin tassew tal-Prof. Robert Sammut M.D. Issa kieku inti tistrumentah għall-banda biex ikun jista' jindaqq fil-Pjazza għal xi okkażjoni bħal din ma tkunx ħaġa sabieħa?

Il-ħsieb għoġbu lis-Surmast...; wegħedni li jagħmel hekk, u hekk sar. Fis-sena 1936, l-Innu ndaqq l-ewwel darba mill-Banda "King's Own" fil-Festa Nazzjonali tat-8 ta' Settembru. Warajha daqqitu l-Banda San Mikiel, ta' Ħaż-Żabbar, fil-festa tal-Madonna tal-Grazzja. Imbagħad il-Banda tal-1st K.O.M.R., il-Baned Militari u baned oħra, u bil-ftit il-ftit l-Innu ħa xejra popolari ġmielha.

Fil-1938, Miss May Butcher għamlet ta' dan l-Innu traduzzjoni tajba ħafna bl-Ingliż li dehret flimkien ma' l-oriġinal Malti, l-ewwel fit-"Times of Malta", imbagħad fl-edizzjoni sabieħa ta' l-Innu pubblikata f'Lixandra, ta' l-Eġittu, mill-Għaqda Maltija ta' hemmhekk li qiegħda tħabrek kemm tiflaħ għat-tixrid tal-qari Malti.

Dan l-aħħar il-Gvern iddikjarah uffiċjalment bħala l-"Innu Malti", bid-dmir li kull banda ġo Malta li ddoqq programm fil-pubbliku għandha ddoqq ma' l-Innu "God Save", l-Innu Malti.

Din hija l-istorja ta' l-Innu Malti.

---

## IL-KURĊIFISS TAL-GĦOLJA

*Kien waħdu fuq il-għolja*
*U minsi minn kulħadd,*
*Bil-qalb maqsuma għall-bniedem...*
*U ħajr ma raddlu ħadd.*

*Niżżluh minn hemm; u qalu*
*"Għalfejn dak il-Mislub?"*
*— Serrpet is-saħta f'daqqa,*
*U l-għera ġewwa l-qlub.*

16. 6. 47. R. Briffa.

# IL-GHANJA TA' L-GHASAFAR

*Għannu, għasafar sbieħ, kull għanja ħelwa*
*li tfur minn qalbkom u mar-riħ tixtered*
*minn bejn il-friegħi qalb il-ġonna mwarrda*
*b'ilħna ta' mħabba!*

*La tibżgħux minna, mit-taħbit u l-ħsejjes*
*li jaslu ħdejkom; mill-għajjat li jtarrax,*
*mill-ġlied u mit-twerżiq li donnu jwaħħax*
*il-beraħ tagħkom.*

*Aħna ma nafu xejn bil-ġmiel u l-ħlewwa*
*tal-għana tagħkom. Ma nafux bil-ħemda*
*li ssaħħar il-għoljiet li jisimgħukom*
*tgħannu ferħana,*

*Għax aħna mitlufin fil-ġlied, fil-għira*
*u fiċ-ċekċik tal-flus li jdoqqu isbaħ,*
*fil-widnejn tagħna, mit-tisfir u l-għana*
*ħelu ta' fommkom.*

*Għannu, għasafar sbieħ! U waqt li tgħannu,*
*araw xi ġmiel madwarkom, qalb il-ħdura;*
*ħalltu leħenkom maċ-ċarċir ta' l-ilma*
*f'widien għannejja.*

*Tiġux fuq djarna fejn il-għana sbejjaħ*
*ta' qlubkom hienja fid-damdim jintilef*
*u l-ħsejjes tagħna. Iġġerrew fejn tridu*
*qalb raba' u ġonna,*

*fis-sema beraħ mnejn taraw l-agħdajjar —*
*mirja ta' ġmiel u seħer tan-Natura,*
*u fejn, xħin tilmħu x-xbieha tagħkom fl-ilma,*
*tinżlu tixorbu.*

*Nixtieqni bħalkom! Għax jien ngħix bil-għana*
*li jfur minn qalbi wkoll xħin nisma' lilkom*
*tgħannu bil-ferħ, u xħin jixegħlu f'moħħi*
*lwien is-sbuħija.*

*Ħuduni magħkom! Jien inħobbu l-bieraħ*
*tas-sema sbejjaħ b'xi sħabiet ġerrejja*
*bħall-ġwienaħ tagħkom ħfief, u nħobb mill-għoli*
*nar'hom ix-xmajjar.*

*Tajruni fuq l-għoljiet, għasafar ħelwa!*
*ħuduni 'l bogħod minn hawn, ħuduni magħkom*
*fejn ma nismax għajjat u biss nitgħaxxaq*
*bil-għana tagħkom!*

DUN FRANS CAMILLERI.

---

## TALBA

*Lejk, o Marija,— ngħolli t-talb tiegħi*
*Għaliex mingħajrek — bħal zokk bla friegħi*
*Għemil il-bniedem; — u l-qalb mugħugħa*
*Toħlom kemm toħlom — ma ssibx ħlief frugħa.*

*Il-ġid u l-qawwa, — l-għerf u s-sbuħija*
*M'humiex ħlief ħolma, — ommi Marija;*
*Fejn hu, mingħajrek — l-hena w il-ferħ?*
*Int imħabbitna — it-tama, s-serħ.*

*Bħal siġra mneżżgħa — mill-ward u l-friegħi,*
*Bogħod minn imħabbtek — din il-qalb tiegħi.*

Balzan, 15 ta' Mejju. 1947. MEME' ZAMMIT.

# Taħbit il-Qalb

*Kull darba li nqiegħed*
*din idi fuq sidri...*
*Inħoss ġewwa fija*
*Bħal ħaġa qed tħabbat*
*F'xi rokna moħbija...*
*Il ġewwa, ġo qalbi, fil-qiegħ...*
*Qed tħabbat w issammar*
*Bla ebda mistrieħ;*
*Waħedha*
*Bħal wieħed taħt l-art qed iħaffer bil-lej'*
*Biex jeqred l-egħdewwa fuq rasu*
*W iġibhom fix-xej'.*

*Kull daqqa, meqjusa,*
*Hassejtha ġo qalbi magħfusa,*
*Iddamdam maħnuqa*
*U tidwi ġo fija fis-skiet,*
*Bħal ħoss ta' xi ġebla*
*Li taqa' mill-għoli fl-ilmiet...*
*U tqanqal din qalbi*
*Minn xniexel għeruqha*
*W iġġagħalni nirtogħod*
*Bħa ħaġa theddidni mill-bogħod...*
*Għax naf li f'dik l-id*
*Qed tħabbat w issammar*
*Hemm fehma li trid*
*Iġġarraf u tkisser u tħott*
*Kull qawwa li l-ħajja f'miljitha taf trodd.*

*Nistħajjel li nħoss f'kull taħbita,*
*Id-daqqa qalila w imqita*
*Tal-mewġa fir-rwiefen xitwija,*
*Li tħabbat imgħaddba*
*Mal-plajja blatija,*
*Li tiekol u taħfi u tagħleb mas-snin*
*Is-swar donnhom ġganti weqfin,*
*W iddewweb saħħithom mis-sies*
*f'gozz ramel imxerred fil-baħar bla qies.*

*Għalhekk ma' kull daqqa*
*Hemm fija xi ħaġa tirtogħod*
*W inħoss li bil-mod*
*Qed tonqos il-ħeġġa*
*Taż-żmien taż-żgħożija*
*W il-ħila w is-saħħa li biha*
*Dil-qalb kienet tfur...*
*U mifni u magħdur*
*Inħoss li kull daqqa qed teqred ġo fija*
*L-imrammi żonqrija*
*Li fuqhom tistrieħ din il-ħajja*
*U tħalli warajha*
*Ġerħiet u ħerbiet*
*Li tikber mas-snin u tiżdied...*
*W inħossni għajjien*
*Bħal nieżel pass pass it-turġien*
*Tal-qabar quddiemi miftuħ*
*Fejn jaqa' w jindifen dal-ġisem bla ruħ.*

*Għalhekk fuq xofftejja*
*Id-daħka ta' darba*
*Il-lum donnha tbiddlet bħal f'karba.*
*W ittaqqlu riġlejja*
*W iddalmet għajnejja*
*U f'qalbi l-ferħ siket*
*U tbiddel hekk f'daqqa bħal f'bikja ta' niket.*

*Żgħożija, żgħożija,*
*Għasfur ġej mis-sema,*
*Fejn jidħak il-hena bla demgħa,*
*Fejn tlellex id-dija misfija,*
*Għasfur li fil-masġar ta' qalbi*
*Bir-rogħda tal-ħajja mimlija*
*Kont tarmi madwarek*
*Il-ħlewwa balzmija*
*Ta' għanjietek sabiħa*
*Mogħnija bil-fwieħa,*
*Ta' nida u ta' żahar,*
*Żgħożija, żgħożija,*
*Fejn ħrabtli hekk f'daqqa?*

*Kif tirt minn ġo fija?*
*U waħdi u mbikkem ħallejtni*
*Biex nibki fl-imrar*
*Iż-żmien tar-rebbiegħa li ħarab u tar!*

. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

*Kull darba li b'idi fuq sidri*
*Inħoss dit-taħbita*
*Did-daqqa meqjusa w imqita,*
*Ta' l-id li moħbija*
*Qed taħdem qerrieda ġo fija...*
*Nistħajjel f'kull daqqa*
*L-id mgħaddma tal-mewt qed issammar*
*Bil-lejl u bin-nhar bla mistrieħ,*
*Qed taħdem biex thejji t-tebut*
*Fejn ġismi minn ruħi mifrud*
*Għad darba jimtedd biex fl-aħħar jistrieħ.*
*W id-daqqa ta' l-aħħar fuq l-aħħar musmar*
*Tkun l-aħħar taħbita ġo sidri musfar*
*W ikun dak it-tmiem...*
*L-egħluq ta' dil-ħajja ta' dmugħ*
*Ta' niket ir-ruħ*
*W il-ftuħ ta' ħajja oħra ta' hena u ta' sliem!*

Ġ. DELIA, S.J.

---

## IL-QABAR TAR-REBBIEGHA

*Meta mal-minġel taqa' l-aħħar sbula*
*u tinxef ġewwa l-wied l-aħħar ħofra ilma,*
*ġwejda r-Rebbiegħa tmut u dlonk tindifen*
*f'qabar fil-plajja;*

*Ix-xewk madwari jixgħel lampi vjola*
*il-ferli dritt u għoli joqgħod għassa,*
*u x-xirbebb bi ħduritu sewdenija*
*jagħmel il-vistu.*

*Mejta r-Rebbiegħa ħdejn il-mewġ tistenna*
*li jidħol Marzu fuq il-ġwienaħ koħol*
*tal-qtajja' tal-ħuttaf u jdoqq it-tromba*
*tad-dawl u l-ġmiel.*

A. BUTTIGIEG.

# Bini Mwaqqa'

*Kienu għadhom qishom ħawħa*
*Fl-isbaħ żifna tal-għoxrin*
*Meta nqerdu, w mietu ħesrem*
*Safja, qlubhom imgħannqin!*
*Ħalfu kienu dik il-lejla*
*Illi jibqgħu ta' xulxin:*
*Ħalfu kienu li mħabbithom*
*Ma tintemmx ma' tmiem is-snin.*
*Kemm-il tama nbniet bħal ħolma!*
*Kemm-il ħsieb mill-aktar bnin!*
*Kemm-il xewqa rat twelidha*
*Ġewwa dawk il-qlub henjin!*

* * *

*Tgħidulix li l-ħajja taħmel*
*F'din id-dinja lit-tgawdija;*
*Tgħidulix li l-hena jseddaq*
*Ġewwa qlub bin-nar mimlija!*
*Għax minn fejn il-kwiekeb tiżgħad*
*Bojod, sbieħ, bl-eluf u l-mija,*
*U lid-dawl li nefaħ fihom*
*Alla, jixħtu 'l hawn mormija,*
*Ġiet il-Mewt biex itkeffinhom —*
*Biex itkeffen liż-żgħożija —*
*Ġo l-intejjen tan-niġġieża*
*U t-tqarmiċ ta' jdejn mherrija!*

* * *

*Issa biss il-ġebel għeri*
*Ifakkarni f'dawk l-uċuħ:*
*Bini mwaqqa', mwerwer, ikreh,*
*Li tistħajlu krib ir-ruħ.*
*Iżda meta fil-għaxija —*
*Ma smajtux inti w għaddej? —*
*Tibda troxx id-dalma u l-kwiekeb,*
*U n-ngħas jinżel, in-Nessej,*
*Donnok tisma' minn ġol-ġebel*
*Ix-xofftejn tal-maħbubin,*
*U t-taħbit ta' qlub imgħaġġla*
*Wens l-iljieli mudlamin!*

* * *

*Għax il-Mewt ittertaq tista'*
*Biss il-għadam tal-bnedmin:*
*U fis-skiet ta' fil-għaxija*
*L-erwieħ jerġgħu għand xulxin!*

2. 8. 47.

W. GULIA.
(Student ta' l-Letteratura)

---

## "THE PILLAR OF THE CLOUD" (Newman)

*Mexxi, Dawl ħanin, qalb dal-baħħ sewdieni,*
*Mexxini Int!*
*Il-lejl imdallam u bogħod jien mid-dar —*
*Mexxini Int!*
*Hares mixjieti; jien ma rridx li nara*
*Id-dehra mbiegħda—biżżejjed pass għalija.*

*Mhux dejjem kont hekk, lanqas tlabt li Inti*
*Għandek tmexxini.*
*Fittixt nagħżel u nsib triqti, iżd'issa*
*Mexxini Int!*
*It-tlellix ħabbejt, u, għalkemm beżagħni*
*Il-Kbur ħakimni; tiftakarx fl-imgħoddi.*

*Qawwietek ilha tbarisni, li żgur*
*tibqa' tmexxini,*
*Minn fuq art mgħaddra, rdum u wileġ, sakemm*
*Igħaddi il-lejl;*
*U malli jisbaħ wiċċ l-anġli jitbissem,*
*Li jiena ili nħobb u tlift għal ftit.*

G. MICALLEF.
(Student ta' l-Letteratura)

# Dawra mal-Bibljoteka

*Tagħrif miġbur minn* E. R. LEOPARDI

> *"Wherever there is a civilization there must be books, and wherever there are books there must be libraries."*
>
> L. STANLEY JAST.

IL-BIBLJOTEKA Rjali, ta' Malta għandha warajha storja ta' madwar 400 sena. Kienet is-sena 1555, meta l-Kunsill ta' l-Ordni, taħt il-Gran Mastru de la Sengle, qatagħha li kellha ssir Bibljoteka biex fiha jinġabru l-kotba kollha tal-Kavalieri mejtin, u li dan kellu jsir għall-kumdità ta' dawk ir-Reliġjużi li jkunu jridu jagħtuha għall-istudju. (1)

Dan kien it-twelid tal-Bibljoteka li iżjed 'il quddiem insibuha ma' ġenb il-Knisja ta' San Ġwann. Wara li tqallbet minn post għal ieħor, il-Bibljoteka ttieħdet f'dar fi Strada San Giorgio, il-lum Kingsway, ma' ġenb it-Teżor ta' l-Ordni. (2)

Fis-sena 1760 kien igħix il-Balì Fra Ludoviku Guerin de Tencin, li kellu librerija privata magħrufa ħafna. Issa ġara li f'dik is-sena miet f'Ruma l-Kardinal Portocarrero u ħalla numru kbir ta' kotba, u billi dan il-Kardinal kien ukoll Membru ta' l-Ordni, dawn il-kotba wirithom l-Ordni. Malli sar jaf b'dan il-Balì de Tencin xtara minn għand l-Ordni l-kotba tal-Kardinal Portocarrero u, flimkien mal-librerija tiegħu privata, irregala kollox lill-Ordni, bil-patt illi din il-kollezzjoni ta' kotba, flimkien mal-librerija ta' San Ġwann, issir Bibljoteka Pubblika.

Fl-aħħar snin ta' l-Ordni nsibu li l-Bibljoteka bdiet tidher għall-ewwel darba fil-bilanċi tat-Teżor, sew bħala artikolu ta' dħul kemm ukoll ta' ħruġ. Insibu għaldaqshekk li, fis-sena 1778, il-Bibljoteka kellha favur tagħha 2,381 skud, u li għaxar snin wara l-ispiża għelbet lid-dħul bi 850 skud. Il-Bibljoteka kelha dak iż-żmien mal-25,000 volum u kienet amministrata u mmexxija minn "Commissario Cavaliere" u minn Bibljotekarju, taħt it-treġija tal-"Camera dei Conti". Il-kotba kollha tal-Kavalieri malli jmutu kienu jmissu lilha, u l-opri li kienu

(1) Capitolo Generale, 1555.

(2) "The Royal Public Library of Malta" by **Dr. A.A. Caruana.**

jkunu duplikati kienu jinbiegħu u b'hekk il-Bibljoteka kellha introjtu għall-manteniment tagħha stess. (3)

Iżjed 'il quddiem il-Bibljoteka kellha tgawdi renta fissa ta' 300 skud fis-sena, mill-imgħax ta' 3 fil-mija fuq kapital ta' 10,000 skud li ħallielha l-Abate Bruno, Uditur tal-Gran Mastru u Segretarju tal-Kanċellerija, bil-kondizzjoni li dawn l-imgħax jibqgħu jgawduhom b'użufrutt oħtu u żewġ ħutu subien, sakemm jibqgħu ħajjin. Wara mewthom dawn l-imgħax wirtithom il-Bibljoteka għax-xiri ta' kotba ġodda. (4)

Bħala l-ewwel Bibljotekarju ntgħażel il-Kanonku Għawdxi Gian Francesco Agius Sultana (magħruf bħala de Soldanis), illi kien miżmum bħala wieħed mill-aqwa għorrief tal-Gżira. Dan miet fl-1770 u warajh laħaq l-Abbè Gioacchino Navarro, magħruf bħala antikwarju, numiżmatku u poeta. L-Abbè Navarro dam Bibljotekarju għal erbgħin sena.

Fi żmienu l-kotba kienu żdiedu bil-bosta u l-post fejn kienet il-Bibljoteka ma kienx iżjed tajjeb għax kien ukoll bini qadim. Għalhekk l-Ordni qatgħet li tinbena Bibljoteka ġdida u għal din il-biċċa xogħol ġie appòsta minn barra l-perit Stefano Ittar. Il-bini li tlesta fis-sena 1796, huwa dak il-palazz sabiħ li naraw fuq il-loġoġ li, bla dubju ta' xejn, huwa wieħed mill-isbaħ li għandna ġol-Belt. Tlestew ukoll l-ixkafef għall-kotba, li saru minn flus il-Balì Perez de Sarriò. Iżda minħabba l-miġja tal-Franċiżi fis-sena 1798, il-kotba ma laħqux ġarrewhom fil-post il-ġdid. Imma dan sar fis-sena 1812, meta kien Kummissarju tal-Gżira Sir Hildebrand Oakes. Fl-4 ta' Ġunju ta' dik is-sena l-Bibljoteka reġgħet infetħet għall-pubbliku u ngħażel dak il-jum sewwa sew għax kien jaħbat l-anniversarju tat-twelid tar-Re Ġorġ III. Is-sena ta' wara miet l-Abbè Navarro, li difnuħ f'San Ġwann, u floku laħaq il-Kanonku Giuseppe Bellanti, li kien Dekan tal-Kattidral.

Fis-sena 1831, il-Gvern qiegħed il-Bibljoteka taħt it-tmexxija ta' Kumitat Permanenti u bħala President kien maħtur l-Arċisqof Isqof ta' Malta. F'dan il-Kumitat kien imdaħħal ukoll l-Onor. John Hookham Frere. F'dik is-sena kienu stampati għall-ewwel darba r-regolamenti għat-tmexxija tal-Bibljoteka u għaċ-ċirkolazzjoni tal-kotba, kif ukoll l-ewwel katalgu, fejn il-kotba huma klassifikati skond is-suġġett.

---

(3) **Bilancio Decennale del Comun Tesoro 1778-1788.**

(4) **Massa Frumentaria, Cedola Nru. 893.**

Fil-1838, il-Kanonku Bellanti ħalla minn Bibljotekarju u flokuu ngħażel Dr. Cesare Vassallo. Fi żmienu Dr. Vassallo ħabrek ħafna għall-Bibljoteka; għamel katalgu ġdid u qassam fih il-kotba skond is-suġġett. Fost dawn il-katalgi ikkompila wkoll wieħed għall-manuskritti li sa dak in-nhar kienu jinsabu fil-Bibljoteka. Bis-saħħa ta' dan il-katalgu dawk il-kodiċijiet li huwa ikklassifika bdew biex ħadu l-importanza li kien jixirqilhom u swew ħafna għal min ġie wara.

Wara Dr. Vassallo, fl-1880, laħaq Bibljotekarju Dr. A.A. Caruana li dam fil-post sas-sena 1896. Dan il-Bibljotekarju huwa magħruf biżżejjed għax-xogħlijiet li ħalla fuq l-istorja u l-Arkeoloġija Kristjana ta' pajjiżna. Meta rtira Dr. Caruana laħaq floku Dr. Filippo Vassallo, li dam biss tliet xhur, imbagħad daħal Bibljotekarju Monsinjur Alfredo Mifsud. Dan il-Monsinjur, li għaraf igħarbel fl-Arkivju, ta xogħlijiet tajba li għad jiswew għal min irid iżid xi xogħol fl-istorja ta' Malta. Mons. Mifsud miet fil-20 ta' Diċembru 1920, u sar Bibljotekarju l-Professur Enrico Magro li kien qabel Rettur ta' l-Università. Wara l-Prof. Magro, fl-1 ta' Lulju 1923, sar Chevalier Hannibal P. Scicluna. Fi żmien Chev. Scicluna l-Bibljoteka ħadet xejra oħra: kiber bil-bosta n-numru tal-kotba, sar il-katalgu l-ġdid bis-sistema Dewey u nġabret għaliha l-kollezzjoni tal-kotba li jittrattaw fuq Malta u li ġiet imsejħa "Melitensia". Taħt it-treġija ta' Chev. Scicluna nġabar ukoll taħt is-saqaf tal-Bibljoteka l-Arkivju ta' l-Ordni li qabel kien merfugħ f'Dipartimenti oħra tal-Gvern.

Fit-2 ta' Ġunju li għadda, flok Chev. Scicluna, li rtira, laħaq Bibljotekarju Dom Mawru Inguanez, O.S.B. Dan il-Patri Benedittin ma hemmx għalfejn wieħed igħid bosta fuqu għax ismu huwa magħruf mad-dinja kollha. Biżżejjed wieħed jifli x-xogħlijiet tiegħu u li wieħed jiftakar li kien Bibljotekarju u Arkivista ta' Montecassino biex nifhmu sewwa min huwa dan li l-lum jinsab fostna. Minn għand dan il-Bibljotekarju nittamaw li għad ikollna xogħlijiet ta' interess kbir fuq il-Bibljoteka tagħna u li għad naraw x'importanza għandhom il-kodiċijiet li għandna.

Ngħaddu issa biex naraw x'fiha, jew aħjar xi ftit milli fiha l-Bibljoteka ta' Malta.

Jingħad illi n-numru ta' l-opri kollha li jinsabu hawn ġew jilħaq 300,000 u dawn huma reġistrati taħt żewġ katalgi. Taħt

l-ewwel katalgu jinsabu reġistrati l-kotba bl-isem ta' l-awtur. Fil-katalgu l-ieħor il-kotba huma klassifikati skond is-suġġett. Dan il-katalgu jimxi fuq is-sistema msejħa "Dewey Decimal Classification". Din is-sistema kienet formulata fis-sena 1873, mill-Avukat Melvil Dewey (1851-1931), biex tiġi wżata flok is-sistemi l-oħra li ma kenux effiċjenti u kienu jaħlu ż-żmien. Fis-sena 1876 ħarġet l-ewwel edizzjoni u, fl-1942, l-erbatax-il waħda ta' din is-sistema. Dan biex nuru l-importanza li ħadet din is-sistema li ġiet użata tista' tgħid kullimkien.

Il-kollezzjoni kollha tal-kotba li hemm fil-Bibljoteka nistgħu naqsmuha fi tnejn: jiġifieri manuskritt u kotba stampati. Il-fergħa tal-manuskritti tiġbor fiha l-Arkivju tal-Kavalieri ta' San Ġwann, l-Arkivju ta' l-Università, jiġifieri tal-Muniċipju ta' Malta fl-antik, ir-reġistri tat-Teżor: b'kollox madwar 8,000 volum. Fost dawn hemm l-ewwel sbatax li fihom id-diplomi, kollha tal-pergamena, li l-Kavalieri rċevew minn għand il-Papiet u s-Sovrani fil-Medju Evu.

Jinsabu wkoll fil-Bibljoteka manuskritti oħra ta' siwi kbir, fosthom il-ħajja ta' Sant'Anton Abbati, b'mitejn stampa (minjatura). Dan il-kodiċi nkiteb fis-sena 1426, minn Pierre Pierre ta' Istres u kien illuminat minn Robin Fournier ta' Avignon. Kopja ta' dan il-ktieb tinsab fil-Bibljoteka Lawrenzjana ta' Firenze, iżda f'dan ta' l-aħħar il-"colophon" ma jagħtix la l-isem ta' min kitbu lanqas tal-minjaturist. L-istampi huma magħmulin bl-istil imsejjaħ "grisaille" u hemm użati wkoll xi ftit kuluri. Taħt kull stampa hemm miktub titolu fil-qosor, u riferenza għall-awtur li minnu ġie meħud il-kwadru. Fil-"colophon" insibu miktub illi dawn iż-żewġ manuskritti ġew kupjati minn arazzi kbar (magnus pannus) li kienu magħmulin "de legendis et vita ejusdem sancti" minn Jean Macellard, Sagristan Maġġur ta' Saint Antoine, mis-sena 1410 sal-1417. Dan il-manuskritt kienu bagħtu għalih minn l-Ingilterra u għal xi żmien kien fil-British Museum, fejn ġie studjat minn Sir Sydney Cockerell u Dr. Rose Graham. Il-ktieb kollu ġie kkupjat għar-Roxburghe Club u maħruġ minn Dr. Rose Graham fis-sena 1937. Kopja ta' dan il-ktieb tinsab ukoll fil-Bibljoteka.

Hemm numru sabiħ ta' manuskritti li ġew miktuba mis-seklu XI 'il hawn, fosthom Bibbja ta' format żgħir, il-ġmiel tagħha, u ħafna kotba oħra tal-Liturġija. Fost il-manuskritti jinsabu opri sħaħ ta' awturi Maltin li għadhom ma ġew qatt

stampati. Insibu miktubin djarji, tifkiriet, drawwiet qodma, kwistjonijiet li nqalgħu dak iż-żmien fuq ħaġa jew oħra u minn dawn il-karti għad trid tinkiteb l-istorja tal-poplu Malti ta' dawn l-aħħar erba' sekoli. Għax f'dawn il-karti hemm imniżżla l-ħajja ta' misserijietna, dik il-ħajja reliġjuża, soċjali u familjari, kif ħasbuha u kif għexuha f'dawk iż-żmenijiet, b'dik li hija karatteristika tal-poplu tagħna li tagħżlu mill-poplu ta' kull ġens ieħor.

Fost il-kollezzjoni tal-kotba stampati l-ewwel ma jiġu dawk li jissejħu "inkunabuli", jiġifieri dawk il-kotba kollha li ġew stampati minn mindu Gutenberg kixef l-istampa, madwar is-sena 1445, sal-1500. Minn dawn il-Bibljoteka jinsabu 45 u l-eqdem fosthom huwa "Moralia Sancti Gregorii", stampat Ruma fis-sena 1475. Il-biċċa l-kbira ta' dawn l-inkunabuli huma stampati l-Italja u xi ħaġa żgħira fi Franza. Minn dawk ta' l-Italja hemm numru kbir stampat f'Venezja minn Aldo Manuzio, il-famuż stampatur ta' dak iż-żmien. L-edizzjonijiet li ħarġu minn taħt idejn dan l-istampatur, u li ġew imsejħin Aldini, iġibu l-marka "ankra", u huma mfittxija ħafna. Għal dak li huwa korrettezza tat-test u l-ġmiel tal-karattru li bihom huma stampati dawn il-kotba tista' tgħid li ma jgħaddihom ħadd.

Hemm taqsima oħra ta' kotba ta' legatura rari u sabiħa, illi jkomplu jżejnu l-Bibljoteka tagħna. Il-biċċa l-kbira ta' dawn il-kotba kienu tal-Gran Mastri u tal-Kavalieri u għalhekk iġibu fil-qoxra tal-ġilda l-istemmi tal-familja tagħhom. Minn din il-legatura naraw kemm kienu apprezzati l-kotba għand min kienu. Imma l-ġmiel ta' xogħlijiet li fihom trid taraħ biex tista' tifhem kif inhu.

Ta' min isemmi wkoll illi l-Bibljoteka kellha minn dejjem xi ftit benefatturi illi rregalawha l-kotba tagħhom. Fost dawn l-ewwel ma għandu jissemma l-Balì de Tencin, li huwa miżmum mhux biss bħala benefattur kbir, iżda l-veru fundatur tal-Bibljoteka bħala istituzzjoni pubblika. Fost ħafna donazzjonijiet ta' kotba u manuskritti nistgħu nsemmu dik tal-Kan. Agius de Soldanis, tad-Dekan Bellanti, tal-Maġistrat Edgar Parnis, tas-Sur Justin Alvarez, tal-Konti Messina, tal-Konti Caruana Gatto u tat-tabib John Borg. Fl-atriju li hemm qabel tidħol fis-sala twaħħlet irħama kbira u fiha minquxa b'ittri tad-deheb l-ismijiet ta' dawk li ħadmu għall-Bibljoteka jew li rregalaw il-kotba tagħ-

hom. Dan sar biex il-poplu ma jinsa qatt min huma l-benefatturi tiegħu. Fis-sala l-kbira hemm ukoll ritratti taż-żejt ta' ħafna minn dawn il-benefatturi jew ta' dawk li kienu Bibljotekarji jonkella onoraw lil Malta bil-kitba tagħhom.

Fil-Bibljoteka hemm ukoll laboratorju fejn il-kotba u l-manuskritti jiġu msewwija b'reqqa kbira. Il-manuskritti fuq il-karta jissewwew b'metodi l-iżjed moderni, jinksew bil-ħarir fin u trasparenti u tista' tgħid jerġgħu jitwieldu mill-ġdid. Il-manuskritti fuq il-pergamena jiġu mraqqgħin b'biċċiet oħra tal-pergamena u hekk wieħed iwaqqaf dik il-ħsara li maż-żmien kieku teqred kollox.

Il-barrani li jgħaddi jżur l-Bibljoteka tagħna jieqaf u jiskanta kif pajjiż tant ċkejken u fqir huwa daqshekk għani fl-istorja u għandu Bibljoteka li tixraq fl-aqwa bliet ta' l-Ewropa. Il-Bibljoteka ta' Malta minn mindu bdiet sal-lum, kibret bilmod il-mod, għexet dejjem mal-poplu, qasmet miegħu l-ferħ u n-niket, ġiet 'il quddiem fi żmenijiet ta' ġid u batiet meta l-poplu kien batut, bħal ma ġara fl-aħħar gwerra. Iżda naraw li sa mill-bidu nett li saret "bibljoteka pubblika", il-poplu li japprezza l-kultura dejjem kellu għal qalbu din l-istituzzjoni u għalhekk wieħed jittama li fiż-żmien li ġej il-Bibljoteka jkollha sehem kbir f'dik li hija formazzjoni kulturali tal-pajjiż u apprezzament ikbar mill-poplu kollu ta' Malta.

---

# Nisel il-Kliem

*(Jorbot ma' "Leħen il-Malti", Għadd 191-193)*

*BAQAT*: Din l-ewwel sura li jagħtiha Caruana jien qatt ma smajtha. Dejjem smajt it-tieni sura *baqqat*, li jagħtuha Falzon u Vassalli u li tfisser "għaqqad il-ħalib bit-tames", verb denominativ ta'*baqta* "ħalib magħqud bit-tames". Jingħad ukoll *tammas*. Dozy li ma kienx jaf il Kazimirsky jagħti l-verb *baqat* (*t* alveolari) bħala verb li jingħad il-Magħreb u li jinsab f'Pedro de Alcalà (Għarbi ta' Spanja), mill-Ispanjol *pegar* "to glue". Iżda f'Kazimirsky nsibu l-verb *baqat* (*t* frikativa) "pétrir", "mêler le fromage freche appelè iqt" (*t* alveolari). Barbera jfisser ħażin nisel il-verb Malti mill-verb *għaqqad* + *b*, prefiss fl-Għarbi tas-Sirja li qatt ma jidher fil-Malti.

*BERBAQ* : Dal-verb m'għandu xejn x'jaqsam mal-kelma Għarbija *barbaġ*, "sewer" fis-sens ta' "to pour down a drain or soakaway" kif ħaseb Dessoulavy. Għan-nisel sewwa qabbel il-verb Għarbi *bardaq*, Fr. étendre, u *tabardaqa* (2ni sura) "s'éparpiller, c'èst peut être le même verbe que le Syrien *badraja* (*d* frikativa) éparpiller, gaspiller son argent' (Landberg), verb kwadrilitteru maħruġ mit-trilitteru *badara* (*d* frikativa) li tfisser "to sow, to scatter" u *baddar* (2ni sura) "to squander, to waste" (Hava). Barbera ta n-nisel sewwa meta ġieb il-Malti "dal Siriano volgare *badraqa*" li tfisser "dissipare, spendere prodigamente il suo avere", imma d-*d* Għarbija m'hix dik dentali kif ġiebha hu imma frikativa. Is-sura li jiena tajt minn Landberg tagħtina eżempju ta' metatesi u t-tibdil tal-konsonanti *d* ma' *b*. *Badraq* l-ewwel ma setgħet saret *bardaq*, bit-tqegħid tal-ħoss *r* qabel *d*. Il-ħoss *d* inbidel ma' *b* taħt l-influwenza ta' verbi kwadrilitteri fil-Malti bħal *żerżaq* u *tertaq* li ż-żewġ bażijiet tagħhom (*żer* + *żaq* u *ter* + *taq*) jibdew bl-istess ħoss.

*BERFEL* : Kif jaħsibha Barbera, dal-verb hu magħmul mill-verb *rafal* "to drag a skirt, to trail a garment" (Hava) bil-prefiss verbali *b* li jinsab fid-djalett tas-Sirja imma ma jinsabx fil-Malti. Il-verb Malti jidher maħruġ min-nom *berfir* "a purple cloth" (Falzon) li jaqbel mal-Għarbi *birfir* "purple, scarlet" mill-Grieg *porphyra*, mnejn ħarġet il-kelma Latina *porpura*, Taljan *porpora*, u Malti *porpra*. Il-bdil ta' l-ilħna likwidi *l* u *r* insibuh f'ħafna kliem ieħor. Hekk flok *pitrolju* jingħad *pitlorju*. Għalkemm Falzon jagħti *berfir*, fil-Malti jingħad aktar *berfil* jew aħjar *tberfil*.

*BEŻLEK* (jew *beżlaq*) : "To suck frequently" (Falzon). Jingħad ukoll għal meta tarbija tmeċlaq xofftejha meta tkun terda', għal xi ħadd meta jtajjar ir-riq hu u jitkellem jonkella jċappas ħalqu hu u jixrob xi ħaġa. Meta l-għaġin ikun idellek għax misjur ħafna ngħidulu għaġin *imbeżlaq*. Dessoulavy ma jagħtix dal-verb waqt li Barbera jnisslu minn *beżżula*, kelma li tinsab fl-Għarbi tal-Magħreb u fil-Malti. Imma din it-tifsira ma tgħidilniex kif żdiedet l-aħħar radikali. Jiena nfisser dal-verb bħala maħruġ min-nom *bżieq*, Għarbi *buża* :*q* bir-radikali *l* mdeffsa bejn it-tieni u t-tielet leħen tal-għerq biex turi għamil li jsir ta' sikwit.

Innota li *beżlek* jew *beżlaq* jingħad ukoll għal min ibeżżaq ħafna. F'das-sens *beżlek* jew *beżlaq* mela hu sinonmu tal-verb *beżżaq*, 2ni sura ta' *beżaq*. Għal xebh ma' verbi oħra kwadrilitteri maħruġin minn verbi trilitteri biż-żieda ta' radikali likwida qb. *xeblek*, mill-verb *X-B-K*, "To twine", Għarbi *xarbak*, minn *xabak* biż-żieda ta' leħen likwidu bejn l-ewwel u t-tieni għerq waqt li tagħna l-leħen likwidu jidħol bejn it-tieni u t-tielet għerq.

*ĊAFLAS* : "To make a mess scattering water about; also to work carelessly" (Caruana). Barbera jfisser il-verb Malti bħala taqsira ta' l-Isqalli *ciappa lassa* "jaqbad u jitlaq" li jingħad għal bniedem qluqi li ma jogħġbux l-istess xogħol, dejjem ibiddel. L-espressjoni Sqallija tinsab fil-Malti wkoll meta għal xi ħadd ngħidu hekk *jaqbad u jitlaq*. Imma l-espressjoni Sqallija mġebbda wisq u taqbel iżjed mal-Malti l-kelma Spanjola *chafelmejas*, "dauber" u "*chafeller*". "To batch, to bungle", "to mend clumsily". L-*s* tal-verb Malti tidher kontaminazzjoni tan-nom Spanjol *chafelmejas*. Għal kliem ieħor Spanjol li daħal fil-Malti qb. *ċkejken* (Sp. chequeno), *plejtu* (Sp. el pleite), *tontu* (Sp. *tonto*). Imma l-aħħar żewġ kelmiet jinsabu fl-Isqalli wkoll. Dessoulavy l-verb *ċaflas* ma jagħtihx.

*ĊAĦTUR* : Pl. ċħatar. "An old unseemly person or thing" (Falzon); "qualificativo di spregio indicante una persona abietta, una cosa malfatta e senza pregio" (Caruana). Kelma li għadha ħajja u li jiena smajtha wżata l-Birgu fil-plural. Dessoulavy ma jagħtihiex. Barbera jnissilha mill-Għarbi *xaħtura* "barca, navicella nel volgare Siriano—senso figurativo e per estensione preso dalla Sicilia ove si dice per una donna vecchia o casa vecchia o per qualunque cosa sgangherata barcazza o varcazza". Imma għan-nisel sewwa qb. l-istess kelma Għarbija *xaħtura* "blustard" "snub" mal-verb *xaħtara* u *xuħtur* "old buck, silly fellow" (Hava).

*(Fadal)*

# Reċensjonijiet

**"GĦADU KEMM JIBDA"** ta' A.M. Cassola. — Lux Press, 1947.—Prezz 10s.

Bħalma ġara f'ħafna pajjiżi oħra, l-aħħar li kibret fil-Letteratura Maltija kienet id-drama. Bil-maqlub tal-proża u tal-poeżija, fis-seklu li għadda, jiġifieri minn żmien Luigi Rosato sal-lum, bilkemm insibu erba' ismijiet xi nsemmu fil-ġrajja tal-palk Malti. Ried ikun M.A. Borg u xi oħrajn, ftit qablu jew fi żmienu, bħal C. Camilleri, biex tqiegħdu s-sisien tal-Palk Malti billi dawn darrew, qabel kollox, u ħajru l-udjenzi Maltin jisimgħu l-kelma Maltija fuq il-palk. Issa dan M.A. Borg, u miegħu l-kumpannija l-*Indipendenza*, kellu sieq waħda fis-seklu dsatax u oħra fis-seklu għoxrin, u għalhekk, sewwa sew bħal pont li jgħaqqad naħa waħda tax-xmara ma' l-oħra, huwa jgħaqqad l-ewwel tqanqil tal-Palk Malti mal-moviment tal-lum li tana bħala kittieba tal-palk nies bħal A. Cremona, Erin Serracino Inglott, l-aħwa Ivo u Gino Muscat Azzopardi, Ġorġ Pisani, Ġużè Diacono u A. M. Cassola, l-awtur tal-ktieb *Għadu Kemm Jibda*.

Bħat-tijatru tagħna, Cassola wkoll *għadu kemm jibda*, u għalhekk din l-ewwel ġabra ta' kitbiet drammatiċi nilqgħuha bħala l-ewwel nwar tas-siġra żagħżugħa msoqqija mill-għajn friska ħierġa minn moħħ il-kittieb. Drabi oħra kellna għalfejn niktbu fuq wieħed mid-drammi li jinsab f'din il-ġabra, i.e. *Żwieġ il-Mewt*. Konna għedna: "......... naraw f'dan ix-xogħol bħala l-ewwel pass li għandu jwassal għal salib it-toroq fl-iżvilupp tal-Palk Malti, fejn is-sentimentaliżmu żejjed, il-melodramma u l-farsa baxxa għandhom iċiedu posthom, flimkien ma' xogħlijiet klassiċi li nkitbu biex jibqgħu fl-ixkafef tal-librerija għax qegħdin 'il fuq wisq minn fejn tista' tilħaq il-kotba jew minn fejn tista' tinħadem fuq il-palk. Għax fil-Malti għadna neħtieġu drammi miktuba fi proża, b'djalogi ħajja, imsawra bi kliem ħafif u mexxej li ninqdew bih ta' kuljum jiena u Peppu u Kola u kull min jaqra, fuq inċidenti sempliċi bħal ma niltaqgħu magħhom fil-ħajja". Dak li konna għedna jgħodd ukoll għall-ktieb kollu, fejn ma niltaqgħux ma' kummiedja jew dramm wieħed li ma jistax jinħadem fuq il-palk, fejn il-kummiedji, tneħħi xi tnejn li miktubin għal ta' l-apposta, biex idaħħku biss, ma jaqgħux fil-farsa baxxa, u fejn il-proża tad-djalogi, jekk insibulha xi nuqqas, huwa sewwa sew dak li toqrob wisq lejn id-diskors imgħaġġel u bla ħsieb ta' kuljum, u għalhekk xi kull tant nieqsa mill-arti.

Barra prologu ta' disgħa faċċati, dan il-ktieb ta' 313-il-paġna jiġbor fih 8 biċċiet f'att wieħed — 3 kummiedji, buzzett u 4 drammi; żewġ kummiedji fi 3 atti u oħra f'2 atti. Fl-aħħar, imbagħad, għandek epilogu. Il-kummiedji ta' Cassola huma ħelwin fin-nisġa, imma għalkemm mibnijin fuq ħsieb ħafif, ġie li nsibu fihom serjetà ikbar milli tidher fil-wiċċ, bħal fil-*Magħmudija tal-Pupi*. Il-"humour" li Cassola jdaħħal fil-kummiedji aktarx iduru fuq kelma ekwivoka jew tweġiba f'waqtha, spiritużа jonkella b'tidwir tas-sens bħal, ngħidu aħna, meta Mona staqsiet lis-Sur Tewma "Biex taqra?" (p. 44) dan, flok ma wieġeb "Bit-Taljan" jew "bl-Ingliż", qal "Bin-nuċċali". Waqtiet tassew milquta dawn is-"sallies", imma xi daqqiet jidhru li huma studjati żżejjed u ma jkollhomx

— għall-inqas fuq il-karta — l-effett li jrid il-kittieb. U hawn nixtiequ nsemmu nuqqas ċkejken ieħor ta' Cassola, illi l-kliem f'ħalq il-persunaġġi mhux dejjem konsistenti mal-karattri li jgħidu hom, bħal meta Franchot, sieħeb u ta' mpar Leslie, li *lanqas jaf jispelli*, jinfexx joħodha kontra dawk li jridu li t-tfal jissemmew għall-qaddisin u jgħid: "Int rasek marbuta, għax ta' l-Azzjoni Kattolika! Intom kollha *narrow-minded*, kollha għadkom lura". Haġ'oħra li, barra f'Cassola, rajnieha fil-biċċa l-kbira tal-kittieba tal-Konkorsi ta' l-aħħar sentejn, hija dik li jdaħħlu ismijiet ta' persunaġġi għal kollox barranin — donnok qed taqra traduzzjoni ta' kummiedja b'ilsien barrani, jew bħallikieku l-ġrajja komika jew traġika li tkun ma tistax issir hawn Malta lil nies Maltin daqs kemm issir barra lil nies barranin.

Semmejna dan kollu imma ma rridux ninsew ir-realiżmu sabiħ taxxeni meħudin mill-ħajja li għaddejna minnha fil-gwerra f'*Errejds*, dik l-atmosfera tax-xelter tal-Mina, bil-ġlied, bit-tinbix, l-imħabba u t-talb imħalltin flimkien, u l-*pathos* ta' *Debris* — ġrajja tabilħaqq mill-ħajja ta' tnejn min-nies jinħabbu li l-gwerra firdet qawwijin u sħaħ — biex reġgħet wara laqqgħethom it-tnejn immankati — tnejn min-nies *debris* tal-gwerra. Imma għal dawk li huma inċidenti u effetti drammatiċi mibnija fuq is-sitwazzjonijiet psikoloġiċi nagħżlu qabel l-oħrajn kollha *Xofftejn Magħluqa*, miktuba dramm minn fuq in-novella bit-Taljan ta' A. Cesareo "Il Cancello di Ferro".

Meta qrajna l-ktieb kollu għadda ħsieb minn rasna. Cassola s'issa l-iktar li nafuh bħala kittieb ta' kummiedji. Imma wriena biżżejjed li s-sitwazzjonijiet drammatiċi jaf jaqlagħhom ukoll. U għalhekk min jaf jekk jinxteħet fuq dix-xorta ta' kitba għadx maż-żmien jagħtina drammi serji ta' tlieta jew iktar atti?

Il-ktieb ta' Cassola għandu jagħmel ġid kbir lill-Letteratura Maltija. Għax għalkemm, bħalma għedna darb'oħra, "dal-kittieb għad fadallu biex jilħaq l-ogħla quċċata fil-kitba drammatika bil-Malti", b'danakollu ma naħsibhiex darbtejn biex ngħid li s'issa Cassola diġà laħaq fejn ftit qablu laħqu, li huwa għaraf jagħtina kitbiet oriġinali meta l-aktar li konna neħtieġu kienu sewwa sew biċċiet tal-palk oriġinali, flok traduzzjonijiet u adattazzjonijiet.

Naqraw l-aqwa drammaturgi u minnhom nitgħallmu s-sengħa tal-kitba, u hekk, bil-ftit il-ftit, noqorbu lejn il-quċċata sabiħa ta' l-arti. Għalhekk naqblu ma' Cassola meta qal, li barra l-istudju ta' Shakespeare u Sofokle, jeħtieġ wieħed jimita l-ġganti tad-drama tal-lum, bħal Shaw, Ibsen, Pinero, Pirandello u Priestley, u jimitahom "not so much for their philosophical conceptions as for their style and their purpose to interest and enthrall the audience".

Għedna biżżejjed. Bil-mod: hekk jinbnew il-letteraturi. U għad naraw, jekk mhux aħna wliedna, it-Tijatru Nazzjonali tagħna, bid-drammaturgi tajbin li l-kitbiet tagħhom ikunu jitkellmu minn suġġetti u interessi mhux biss individwali u lokali imma wkoll psikoloġiċi u universali.

G. C. P.

# IL-MALTI FIL-KOSTITUZZJONI L-ĠDIDA

32. (1) Id-dibattimenti u diskussjonijiet kollha fl-Assemblea għandhom isiru bil-lsien Ingliż jew Malti, u b'ebda lsien ieħor, u kull diskors li jsir fl-Assemblea għandu jiġi mitbugħ fid-djarji u fil-proċedimenti ta' l-Assemblea sew bl-Ingliż kemm bil-Malti.

(2) Id-djarji, reġistrar, verbali u proċedimenti kollha ta' l-Assemblea għandhom isiru u jkunu reġistrati sew bl-Ingliż kemm ukoll bil-Malti.

33. L-Abbozzi ta' Liġijiet kollha mressqin quddiem l-Assemblea u l-liġijiet kollha magħmulin taħt l-artiklu 22 ta' dawn il-"Letters Patent" għandhom ikunu mitbugħin sew bil-lsien Ingliż kemm bil-lsien Malti, u, jekk it-test Ingliż u t-test Malti ta' xi Abbozz jew ta' xi liġi bħal dawk ma jkunux jaqblu bejniethom, ikun igħodd it-test Ingliż.

---

## TAQSIMA VII

### ILSIEN

46. (1) L-Ilsien Ingliż u l-Ilsien Malti jkunu l-ilsna uffiċjali ta' Malta.

(2) Kull reġistrazzjoni uffiċjali, it-tagħrifiet kollha u kull dokument ieħor maħruġin mill-Gvern Malti għat-tagħrif tan-nies għandhom ikunu bil-lsien Ingliż u bil-lsien Malti.

(3) Bla ħsara ta' dak li hu provdut xort'oħra f'dawn il-"Letters Patent" xejn ma għandu jsir sew b'leġislazzjoni jew b'egħmil amministrattiv li jċekken, jew inaqqas mill-pożizzjoni tal-lsien Ingliż jew tal-lsien Malti bħala lsien uffiċjali jew illi jittanta sabiex irażżan l-użu tiegħu fisservizz pubbliku.

47. Ebda tibdil ma għandu jsir, mingħajr qabel ma jkun ittieħed il-kunsens Tagħna b'mezz ta' Segretarju ta' l-Istat, sew b'leġislazzjoni jew b'egħmil amministrattiv, fil-liġi, regulamenti jew drawwa, minn żmien għal ieħor fis-seħħ, dwar l-użu bħala mezz ta' edukazzjoni jew istruzzjoni jew dwar it-tagħlim ta' xi lsien f'xi Università, skola jew istituzzjoni oħra ta' tagħlim f'Malta.

48. Id-dispożizzjonijiet fil-Hames Skeda li tinsab ma' dawn il-"Letters Patent" għandhom igħoddu sabiex ikun magħruf liema lsien jew ilsna għandhom ikunu użati fi proċeduri ġudizzjarji jew kważi-ġudizzjarji f'Malta jew dwarhom.

---

## IL-HAMES SKEDA

1. (1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda, il-Lsien Malti jkun il-lsien uffiċjali tal-Qrati tal-Haqq ta' ġurisdizzjoni Ċivili u Kriminali u l-proċeduri kollha li jsiru għandhom isiru b'dak l-ilsien.

(2) ..........................................................................

(Mill-"Letters Patent" maħruġin bil-Malti fil-"Gazzetta tal-Gvern" tad-19 ta' Settembru, 1947.)




# "PARKER"

# THE

# PEN

DISTRIBUTORS :-

**The Criterion**

34, KINGSWAY—VALLETTA.

Stampat fid-Dar ta' S. Gużepp—Hamrun.

ALL SORTS OF EDUCATIONAL AND

ECCLESIASTICAL BOOKS

CAN BE OBTAINED FROM

# A. C. AQUILINA & Co.,

55d, KINGSWAY, VALLETTA.

(TEL. CENTRAL 4774.)

---

## IBNU LIBRERIJA TAL-MALTI

Ixtru l-Kotba :

*Nirraġunaw u Nitbissmu*, ta' Mary Meylak.
*Villa Meylak*, ta' Mary Meylak.
*Dawra Misterjuża*, ta' Mary Meylak.
*Antoloġija—Dun Karm*, bi studju qabel tal-Prof. Ġ. Aquilina.
*L-Ewwel Għana*, ta' Wallace Gulia.
*Dwar il-Poeżija Maltija*, ta' Ġużè Chetcuti.
*Min Ħduq Ilmet in-Nil*, ta' Ivo Muscat Azzopardi.
*Ineż Farruġ*, ta' A. E. Caruana, bi studju qabel tal-Prof. Ġ. Aquilina.
*It-Taħbila tal-Kamra s-Safra*, maqlub bil-Malti minn Erin Serracino Inglott.
*Għadu Kemm Jibda!*, ta' A. M. Cassola.
*Il-Għanja tar-Rebbiegħa*, ta' Ġorġ Pisani.
*Is-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzji*, tal-Kappillan Dun Ġużepp Zarb.
*Bejnietna...... Ma Temminx?*, ta' R. Mifsud Bonnici.